MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 1301/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs.**

**Liam Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Liam Cassar**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, imwieled Pietà, nhar is-16 t'Ottubru 1989, bin Anthony u Rose neé Zammit u residenti 299, Triq F.S. Caruana, Birkirkara, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 477589(M), akkuzat talli fl-04 ta' Dicembru 2012 ghal-habta tas-sitta ta' filghaxija (18.00Hrs) u fil-hinijiet ta' qabel gewwa Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara, u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus iffalsifikat, inkella ghamel uzu minn xi facilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura xi biljett tal-flus bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li tahthom ghandhom jintuzaw dawk il-facilitajiet jew dak il-materjal;

2. minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus iffalsifikat li jkun jaf li l-istess ikun iffalsifikat;

3. minghajr awtorita' legali jew skuza legittima jew ragonevoli ghamel, uza, jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali bhal dik provduta u wzata ghall-eghmil ta' xi biljett tal-flus, jew xi karta specjali tali, inkella uza jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu xi karta li fuqha xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, disinji, ologrammi jew komponimenti ohra jkunu gew stampati jew b'xi mod iehor maghmula kif intqal qabel.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 113) datata 1 ta' Novembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 45(1) u 45(2) tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 46 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 47(a) u 47(e) tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 50 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 114), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-1 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 113), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 135), l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u li d-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 142 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Elton Taliana** (*a fol.* 27 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' rapport li l-Pulizija rceviet fis-7 ta' Dicembru 2012 minn Anthony Padovani [Ginies] li kien identifika lill-imputat bhala l-persuna li ghaddielu xi flus foloz, precizament sitt karti tal-mitt Euro l-wahda. Jghid li meta l-imputat gie mitkellem, l-imputat ikkonferma li kien ghadda xi flus lil Anthony Padovani [Ginies] pero jghid li l-karti tal-flus li ghaddielu ma kienux foloz. Jghid li ordna li jintbaghat PC 1027 gewwa St. Thomas Pharmcy, fil-Hamrun, fejn Padovani [Ginies] jghid li mar u hallas b'wahda mill-karti tal-mitt Euro u anke nghata l-bqija u dana sabiex din ma tibqax tigi cirkolata. Din giet irkuprata u giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "ET 6" (*a fol.* 31). Jghid li l-bank HSBC kienu kkonfermaw li kienu rcevew hames karti tal-mitt Euro l-wahda u li kienu ghaddewhom lill-Bank Centrali ta' Malta. Dawn gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "ET 7" (*a fol.* 32). Ezebixxa wkoll rcevuta u *cash register* (li gie elevat minn Martingale Stationary – fejn jahdem l-imputat) li gew immarkati bhala Dok. "ET 8" u Dok. "ET 9" (*a fol.* 33 *et seq*). Ikkonferma wkoll l-istqarrijiet (Dok. "ET 2" u Dok. "ET 3" – *a fol.* 8 *et seq.*) rilaxxati mill-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li Padovani [Ginies] ikkonferma li meta huwa rcieva s-sitt karti tal-mitt Euro l-wahda minn ghand l-imputat f'Martingale Stationery kienet tranzazzjoni wahda.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 129 *et seq.*), jghid li hu ma marx fil-hanut tal-imputat pero baghat lis-surgent. Mistoqsi jghid jekk instabux xi flus ohra, wiegeb fin-negattiv. Jghid li l-investigazzjoni kienet tikkoncerna karti tal-mitt Euro.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Anthony Padovani [Ginies]** (*a fol.* 35 *et seq.*) fejn spjega li fl-4 ta' Dicembru 2012 mar f'Martingale Stationery, f'Birkirkara u ta xi affarijiet u wara li nghata sitt karti tal-mitt Euro l-wahda hareg rcevuta fiskali ta' sitt mitt Euro ((€600) lill-imputat, li giet immarkata bhala Dok. "AP 1" (*a fol.* 40). Jispjega li dakinhar fil-ghaxija mar go St. Thomas Pharmacy fil-Hamrun u uza wahda mill-karti tal-mitt Euro li kien tah l-imputat u nghata l-bqija wkoll. Jispjega li l-ghada ddepozita l-hames karti l-ohra tal-mitt Euro fl-ATM tal-bank HSBC ta' Rahal Gdid u li wara jumejn rcieva telefonata mill-bank u gie nfurmat li dawk kienu foloz u li l-karti li kien ddepozita kienu gew mghoddija lill-Bank Centrali ta' Malta. Ikkonferma li kien rcieva Dok. "ET 8" (*a fol.* 33). Jghid li kellem lill-imputat u qallu li l-karti li kien tah kienu foloz u li l-imputat ma riedx jaghtih sitt mitt Euro ohra u hu (Padovani [Ginies]) mar l-Ghassa tal-Pulizija u ghamel rapport.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta l-imputat tah il-flus huwa ra li dawn kienu ta' mitt Euro l-wahda u ra li kienu sitta. Mistoqsi jghid jekk il-karti tal-flus gewx iccekkjati meta mar fl-ispizerija, jghid li ma jafx. Jghid li ma jahsibx li l-karti tal-flus gew mghoddija mill-*verification machine*. Jghid li xtara l-AoSept ghal ghajnejh. Jghid li meta ghamel kuntatt mal-imputat, l-imputat cahad li kien tah xi flus foloz. Jghid li l-imputat tah x'jifhem, li ma kienx jaf li l-karti li tah kienu foloz.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 132 *et seq.*), jghid li hu ried jehles minn xi *stock* li kellu u li kien ta xi affarijiet lill-imputat u li l-imputat tah il-flus foloz. Jghid li ghad fadallu xi *stock* li ghad irid ibiegh.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 136), jghid li mill-*vat book* tieghu jirrizultalu li l-unika tranzazzjoni li ghamel f'Dicembru 2012 kienet dik ta' sitt mitt Euro li tirrigwarda bejgh ta' parti mill-i*stock* lill-imputat. Ezebixxa kopja tal-ircevuta fiskali li giet immarkata bhala Dok. "AP 1" (*a fol.* 137).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Adrian Bonavia** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn qal li huwa proprjetarju ta' St. Thomas Pharmacy fil-Hamrun. Jghid li jiftakar li kien mar persuna jixtri mill-ispizerija u li jidhirlu li xtara *deep heat* mill-kbar u tah karta tal-mitt Euro li huwa (Bonavia) iccekkja mill-ahjar li setgha billi hares lejha, ra li kienet tajba u zammha. Jghid li wara li ghalaq l-ispizerija, iccekkja xi flus kellu bhal ma jaghmel is-soltu, ra li din il-karta ma kienitx ghogbitu, ghaddieha mill-magna (wara li l-persuna li hallsu biha kien lehaq telaq), u rrealizza li ma kienitx tajba. Jghid li wara jumejn dan l-istess persuna rega' mar l-ispizerija biex jixtri u hu (Bonavia) mar fuqu u qallu biex jiccekkja l-kartiera ghax kien tah mitt Euro falza u li dan il-persuna baqa' sorpriz. Jghid li hu (Bonavia) gieh dubju jekk dan il-persuna kienx vittma bhalu. Jghid li l-ghada marru l-Pulizija u l-karta tal-mitt Euro in kwistjoni kienet ghadha f'idejh. Mistoqsi jghid jekk hux cert li l-persuna in kwistjoni kienx xtara tnejn *deep heat* kbar, wiegeb fl-affermattiv.

In kontro-ezami jghid li meta l-persuna li xtara d-*deep heat* rega' mar xi jumejn wara gharfu mal-ewwel. Mistoqsi jghid jekk il-persuna li xehdet qablu (cioé Padovani [Ginies]) kienitx il-persuna li xtara d-*deep heat*, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Joseph Zammit** (Ufficjal fil-*Physicial Currency Department* tal-Bank HSBC – *a fol.* 46 *et seq.*) fejn spjega li kienu rcevew hames karti tal-mitt Euro mill-fergha ta' Rahal Gdid u li sabu li kienu foloz u dana peress li l-ATM taghraf mal-ewwel li jkunu hekk. Jghid li dawn il-karti ntbaghtu l-Bank Centrali ta' Malta. Ezebixxa kopja taghhom li gew immarkati minn Dok. "JZ 1" sa "JZ 5" (*a fol.* 48 *et seq.*).[1] Ezebixxa wkoll zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JZ 6" u "JZ 7" (*a fol.* 51 *et seq.*).

In kontro-ezami jghid li hu ma rax dawn il-karti personalment. Jghid li l-uniku test li sar fuqhom huwa dak tal-ATM. Jghid li huma obbligati li jibghatuhom il-Bank Centrali u mbaghad jiddeciedu huma.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2013, xehdet ukoll **WPS 110 Maria Scicluna** (*a fol.* 64 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnha, liema rapport gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 67 *et seq.*). Tghid li dan ir-rapport gie redatt in segwitu ta' dak li kien mar jirraporta Anthony Padovani [Ginies] fis-7 ta' Dicembru 2012. Tghid li xi jiem wara marret f'Martingale Stationery u gabret il-*cash register* li allegatament minnu l-imputat ta xi flus. Dan il-*cash register* gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MS 2". Ikkonfermat l-ircevuta mmarkata bhala Dok. "ET 9" (*a fol.* 34). Tghid li fis-16 ta' Jannar 2013 marret ukoll gewwa St. Thomas Pharmacy u talbet lil Adrian Bonavia sabiex jaghtihom r-romblu tal-*cash* tieghu li kellu. Ezebit dan ir-romblu li gie mmarkat bhala Dok. "MS 3".

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **PC 1027 Simon Micallef** (*a fol.* 71 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Dicembru 2012 gie moghti struzzjoni mill-Ufficjal Prosekutur sabiex imur gewwa St. Thomas Pharmacy fil-Hamrun biex jiccekkja rigward xi karta tal-mitt Euro falza. Jghid li mar fl-ispizerija, tkellem ma' certu Adrian Bonavia, issekwestra l-karta in kwistjoni u li Bonavia ma riedx jiffirma rcevuta f'dan is-sens (Dok. "ET 10" – *a fol.* 45). Jghid: *"U kien qalli li kien gie bniedem li kien xtara biha, tah il-bqija u dak il-hin ma ndunax. Ghaddieha mill-magna, dehrietlu tajba tad-dawl pero aktar tard induna b'idejh li ma kienitx tajba. Kienet falza "* (*a fol.* 71).

In kontro-ezami jghid li meta mar ikellem lil Bonavia, Bonavia kien ghad kellu l-karta tal-mitt Euro. Jghid li ma kellimx lil dak il-persuna li Bonavia qal li kien tah din il-karta.

[1] Dawn huma fotokopji tal-karti li gew immarkati bhala Dok. "ET 7" (*a fol.* 32).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2013, xehed **Robert Mifsud** (Ufficjal tal-Bank Centrali ta' Malta – *a fol.* 77 *et seq.*) fejn gie muri Dok. "ET 7" (*a fol.* 32) fejn qal li dawn huma hames karti ta' denominazzjoni ta' mitt Euro l-wahda u qal li m'humiex genwini u spjega r-ragunijiet ghala wasal ghal din il-konkluzjoni. Jghid: *"l-ewwel indikazzjoni huma li dawn tlieta minnhom ghandhom l-istess numru serjali mentri ovvjament in-numru serjali genwini huma kollha differeni ghal kull nota u fl-istess hin ghandhom diversi fatturi ta' sigurta' neqsin. Anki l-karta hija karta komuni m'hijiex security paper li tintuza biex jipprintjaw il-flus fuqhom"* (*a fol.* 78). Meta ra Dok. "ET 6" (*a fol.* 31) qal li din hija karta tal-mitt Euro u qal li anke din mhijiex genwina.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehdet **Claire Azzopardi** (*a fol.* 85 *et seq.*) fejn qalet li hija spizjara f'Thomas Pharmacy, il-Hamrun. Tghid li hadet zewg ritratti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "CA 1" u "CA 2" (*a fol.* 89). Tghid li filwaqt li ritratt Dok. "CA 1" juri zewg *deep heat* (wiehed zghir li jiswa €2.68 u iehor kbir li jiswa €6.13), ritratt "CA 2" huwa AoSept li jiswa €12.00. Mistoqsija tghid jekk fl-ispizerija li semmiet jekk hemmx xi oggetti ohra bil-prezz ta' €12.00, tghid li ma jidhirlhiex. Tghid li fl-ispizerija kollox jippancjaw fil-*cash register* u li meta tinqaleb is-siegha ma tahsibx li l-*cash register* jigi *updated* wahdu. Tixhed li tiftakar li xi zmien qabel, f'Dicembru 2012, kien hemm persuna li hallas b'karta ta' mitt Euro. Tghid li Adrian Bonavia dejjem ikun prezenti. Mistoqsija tiddeskrivi l-karattru ta' Bonavia, tghid: *"He lives in a bubble, ghandu d-dinja tieghu. […] il-frekwenza tieghu ma taqbilx daqshekk mal-frekwenza ta' kullhadd"* (*a fol.* 87). Mistoqsija tghid xi tfisser, wiegbet: *"meta tkun qed taghmel diskursata mieghu speci fuq certu livell serju u hekk, whatever johloq it-teoriji tieghu, ghandu teoriji tieghu, kollox kif jahseb hu"* (*a fol.* 88).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 115) in ottemperanza tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti.[2] Ezebixxa zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MB" (*a fol.* 116 *et seq.*) u Dok. "MB 1" (*a fol.* 125 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet lill-Pulizija. Fl-ewwel stqarrija (Dok. "ET 2" – *a fol.* 8 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat beda billi qal li huwa jahdem f'Martingale Stationery, Birkirkara. Ikkonferma li fl-4 ta' Dicembru 2012 ghadda sitt karti tal-mitt Euro l-wahda lil Anthony Padovani [Ginies]. Wara li gie mgharraf li Padovani [Ginies] iddepozita l-karti imsemmija fil-bank u gie nfurmat li dawn kienu foloz, gie mistoqsi jekk dawn kienux l-istess karti li kien ta hu lil Padovani [Ginies] u l-imputat wiegeb fin-negattiv. Jghid li hu ma jaghmilx affarijiet

[2] *Vide* verbal tas-seduti mizmuma fil-21 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 62 u 63), fil-15 ta' April 2013 (*a fol.* 82) u fit-23 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 93).

bhal dawn. Mistoqsi jghid jekk jistghax ikun li dawn kienu ghandu u ma ndunax li kienu foloz, wiegeb fin-negattiv ghax kollox jghaddi mill-magna. Mistoqsi jghid kif dawn il-karti tal-mitt Euro l-wahda kienu kollha ghandu f'daqqa meta mhux daqshekk komuni, wiegeb: *"Heqq jien gieli kelli minnhom"* (*a fol.* 9). Ma jafx min tah dawn il-karti. Mistoqsi jghid jekk min hallsu b'dawn il-karti in kwistjoni hallsux f'daqqa jew inkella gewx ghandu wahda wahda, wiegeb: *"Le x'f'daqqa, wahda wahda"* (*a fol.* 9). Jghid li dawn il-karti kienu ilhom ghandu madwar gimaghtejn u nofs jew tlett gimghat. Jghid li lill-klijenti tieghu gie li tahom minn dawn il-karti. Mistoqsi jghid kemm gew f'idejh karti tal-mitt Euro fl-ahhar tlett gimghat, wiegeb li madwar ghaxar karti. Jghid li lil Padovani [Ginies] ma tahx aktar karti tal-Euro apparti dawk is-sitta li kien tah. Jghid li hu ma jiddepozitax flus il-bank. Mistoqsi x'jaghmel kieku xi hadd ihallas b'xi karta falza u hu ma jindunax biha malli jsir il-bejgh, wiegeb: *"M'ghandix idea"* (*a fol.* 11).

Illi fit-tieni stqarrija (Dok. "ET 3" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, wara li l-imputat gie nfurmat li fuq wahda mill-karti li ghadda lil Anthony Padovani [Ginies] nstab *finger-print* tieghu li jaqbel ma' wahda mill-karti foloz, l-imputat gie mitlub jaghti raguni kif dan il-*print* uniku tieghu spicca fuq din il-karta, wiegeb: *"Jista' jkun li ghaddiet minn idi u ma nafx. Ma ndunajtx"* (*a fol.* 12). Jghid ukoll: *"Jista' jkun li meta blajthom jien u ma ndunajtx u allura ghaddejthomlu jien"* (*a fol.* 12).

**Ikkunsidrat**

Illi minn qari tan-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 113), fejn huwa jindika taht liema artikoli, skond hu, ghandha tinstab htija fl-imputat, jirrizulta li l-Avukat Generali jiccita, fost l-ohrajn, Artikoli 45(1), 45(2), 46, 47(a) u 47(e) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fl-10 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Paul Azzopardi**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat l-elementi taz-zewg reati li jemanu minn Artikoli 45(1) u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari r-reat taht Artikolu 45. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet hekk:

> "Il-konsapevolezza li trid tigi pruvata ghall-htija tar-reat kif jirrizulta mid-dispozizzjoni principali tal-artikolu 45(1) u l-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso fl-istess sub-inciz jirrigwardaw mumenti diversi tad-dinamika tal-fatti. Il-konsapevolezza mehtiega ghall-prova tar-reita' skont id-dispozizzjoni principali imsemmija tirrigwarda l-mument li l-awtur "imexxi biljett tal-flus falsifikat" u *di fatti* l-ligi tghid "…imexxi biljett tal-flus li jkun jaf li hu falsifikat"

(sottolinear f'kull kaz tal-Qorti). Hawnhekk l-artiklu ma jikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova u ghalhekk, ghall-fini ta' htija tar-reat previst fl-artikolu 45(1) tal-Kap. 204, il-piz tal-prova tal-konsapevolezza da parti tal-awtur tal-falsita' tal-biljett ta' flus li kien qieghed imexxi jibqa' skont l-istess artikolu jinkombi fuq il-prosekuzzjoni. Minn naha l-ohra, il-konsapevolezza li dwarha jitkellem il-proviso tal-istess artikolu jirrigwarda l-mument precedenti l-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falsifikat u cioé il-mument li l-awtur gie fil-pussess tal-biljett falsifikat tant li l-proviso jghid "… fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kienetx taf li kien falsifikat" u huwa car li dan l-proviso qieghed jindirizza l-kwistjoni tal-piena u mhux tal-htija jew reita' ghar-reat li trid tkun giet stabbilita a tenur tad-dispozizzjoni principali li ghar-rigward taghha, u cioé tal-htija ghar-reat, l-ligi ma tikkontempla ebda spostament tal-piz tal-prova li ghalhekk jibqa' jinkombi fuq il-prosekuzzjoni.

Fi ftit kliem, ghall-finijiet ta' htija ghar-reat ipotizzat fl-Artikolu 45(1) tal-Kap. 204, konsistenti fi spaccjar jew tmexxija ta' biljett jew biljetti ta' flus iffalsifikati, il-prova li fil-mument tal-ispaccjar jew tmexxija tal-biljett falz ta' flus l-awtur kien konsapevoli li l-biljett kien wiehed falz tispetta lill-prosekuzzjoni. Jekk, izda, l-imputat jipprova li meta rcieva jew gie fil-pussess tal-flus, u cioé qabel il-mument li gie biex jghaddihom lil haddiehor, huwa ma kienx jaf li l-flus kienu foloz allura ghall-finijet ta' piena ghar-reat ta' spaccjar jew tmexxija ta' flus foloz jiggwadanja minn riduzzjoni billi l-minimu tal-piena minn sentejn isir xahrejn prigunerija waqt li l-massimu tal-piena minn disa' snin isir tlett snin. L-artikolu 45(1) huwa intiz li jkopri zewg sitwazzonijiet: l-ewwel wahda fejn persuna tircievi biljett falz ta' flus bil-konsapevolezza li kien falz meta rcevietu u imbaghad tmexxi l-biljett falz meta evidentement kienet konsapevoli li kien falz, u hawnhekk il-ligi tipprovdi ghall-piena fir-rigur

taghha; u t-tieni sitwazzjoni hi fejn persuna tircievi biljett falz minghajr ma kienet konsapevoli li kien falz fil-mument li tircevih izda ssir taf li kien falz wara li rcevietu u tkun taf li hu falz meta tmexxih lil haddiehor, u f'din l-ipotesi l-ligi tipprovdi ghal mitigazzjoni tal-piena u huwa biss f'dan ir-rigward u cioé sabiex l-awtur ikun jista' jibbenefika minn din il-mitigazzjoni tal-piena, li l-ligi timponi fuq l-imputat il-piz tal-prova tan-non-konsapevolezza tal-falsita' tal-biljett falz fil-mument li rcevieh".

Illi l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat hallas b'sitt karti tal-mitt Euro lil Anthony Padovani [Ginies]. Dan jirrizulta ampjament car mill-provi mismugha.

Illi, minn qari tal-atti processwali, jirrizulta li **<u>hadd</u>** ma identifika fl-ebda mument li s-sitt karti tal-mitt Euro li hallas bihom l-imputat lil Anthony Padovani [Ginies] huma l-istess li gew ezebiti f'dawn il-proceduri (Dok. "ET 6" (*a fol.* 31) u Dok. "ET 7" (*a fol.* 32). A bazi ta' dan biss, il-Qorti mhijiex tal-ferma konvinzjoni li gie pruvat 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li s-sitt karti ta' mitt Euro in kwistjoni f'dawn il-proceduri u li gew pruvati foloz kienu l-istess karti li l-imputat hallas bihom lil Padovani [Ginies] dakinhar tal-4 ta' Dicembru 2012. Dan qieghed jinghad minkejja li l-Qorti tista' tispekula hafna dwar jekk l-imputat kienx verament jaf li l-karti tal-flus in kwistjoni kienux foloz jew le jew jekk hu mexxihomx u qabel kien jaf li kienu hekk foloz, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi, kieku ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument **BISS**, kellu jirrizulta li l-karti ta' mitt Euro li gew ezebiti f'dawn il-proceduri kienu l-istess karti li hallas bihom l-imputat, ghandu jigi kkunsidrat jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova li fil-mument li l-imputat mexxa l-karti ta' mitt Euro in kwistjoni kienx konsapevoli tal-fatt li l-istess biljetti kienu foloz u, kif inghad, skont il-ligi l-piz tal-prova ta' dan l-element tar-reat jinkombi fuq il-Prosekuzzoni u mhux fuq l-imputat. Da parte tieghu, fl-ewwel stqarrija (Dok. "ET 2" – *a fol.* 8 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat cahad li l-karti li Padovani [Ginies] mar jiddepozita fil-bank u li rrizulta li kienu foloz kienu l-istess karti li kien ta hu lilu. Ikompli jsostni li hu jghaddi l-karti kollha mill-magna. Meta fit-tieni stqarrija (Dok.

"ET 3" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, ghal liema stqarrija l-imputat irrifjuta li jikkonsulta ma' avukat, l-imputat gie mgharraf li fuq wahda mill-karti li gew mghoddija lil Padovani [Ginies] nstab *finger-print* tieghu u hu qal: *"Jista' jkun li ghaddiet minn idi u ma nafx. Ma ndunajtx"* (*a fol.* 12). Jghid ukoll: *"Jista' jkun li meta blajthom jien u ma ndunajtx u allura ghaddejthomlu jien"* (*a fol.* 12). Bhala parentenzi, il-Qorti tinnota li fl-ebda mument ma gie pruvat li effettivament fuq wahda mill-karti in kwistjoni nstab *finger-print* tal-imputat.

Illi l-Qorti tinnota li meta Padovani [Ginies] ircieva l-karti in kwistjoni, hu ma sab xejn hazin fihom u *di fatti* tant ma rrealizzax li l-karti li gew moghtija lilu kienu foloz li huwa mar go spizerija u xtara prodott minn hemm u kif ukoll iddepozita karti ohra fl-ATM tal-bank. Ta' minn jinnota wkoll li filwaqt li Adrian Bonavia jghid li l-persuna li xtara bil-karta tal-mitt Euro xtara *deep heat*, Padovani [Ginies] jghid li xtara AoSept. Apparti minn dan, meta Bonavia xehed il-Qorti ma gharafx lil Padovani [Ginies], li xehed qablu, bhala l-persuna li kienet hallset bil-mitt Euro. Minkejja dak li qalet Claire Azzopardi fir-rigward tal-karattru ta' Adrian Bonavia, din m'hi xejn hlief opinjoni taghha. Il-Qorti tinnota wkoll li anqas Bonavia ma rrealizza mal-ewwel li l-karta falza li huwa rcieva minn ghand Padovani [Ginies] kienet effettivament falza.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti mhijiex f'qaghda li tinferixxi li l-imputat minghajr dubbju dettat mir-raguni kien konsapevoli tal-falsita' tal-karti ta' flus in kwistjoni (dejjem jekk dawk ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri kienu l-istess li l-imputat hallas bihom) fil-mument li huwa mexxa l-istess karti ta' flus. *Di fatti*, jekk dan kien il-kaz, kif nghad hawn fuq, lanqas Padovani [Ginies] (u anqas Bonavia) ma nduna li l-karti tal-flus in kwistjoni kienu foloz! Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li l-element formali tar-reat taht l-ewwel (1) imputazzjoni fejn l-imputat gie akkuzat li *"iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa xi biljett tal-flus iffalsifikat"* ma giex sodisfacentement pruvat mill-Prosekuzzjoni minghajr dubbju dettat mir-raguni. Illi, fir-rigward tal-parti l-ohra tal-ewwel imputazzjoni, fejn l-imputat qed jigi akkuzat li *"ghamel uzu minn xi facilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura xi biljett*

*tal-flus bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li tahthom ghandhom jintuzaw dawk il-facilitajiet jew dak il-materjal"*, dan bl-ebda mod ma gie pruvat. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, b'mod partikolari fejn inghad li l-Qorti mhijiex tal-ferma konvinzjoni li gie pruvat 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-karti ta' mitt Euro ezebiti f'dawn il-proceduri u li gew pruvati foloz kienu l-istess karti li l-imputat hallas bihom lil Padovani [Ginies] dakinhar tal-4 ta' Dicembru 2012, il-Qorti, f'kaz li kellha tikkunsidra li l-karti ta' mitt Euro ezebiti kienu l-istess li hallas bihom l-imputat, tinnota li, minn dak li nghad hawn fuq u mill-provi prodotti, ma jirrizulta bl-ebda mod li fil-mument li l-imputat rcieva l-karti tal-flus in kwistjoni jew tul il-kors kollu ta' zmien li kienu fil-kustodja jew pussess tieghu huwa kien f'xi mument konsapevoli tal-falsita' taghhom. Ghaldaqstant, lanqas it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata.
Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, din l-imputazzjoni bl-ebda mod ma giet pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Liam Cassar hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Fl-ahhar nett, il-Qorti tordna li s-sitt karti ta' mitt Euro (Dok. "ET 6" – *a fol.* 31 u Dok. "ET 7" – *a fol.* 32) ghandhom a kura tar-Registratur tal-Qorti jigu konsenjati lil persuna inkarigata minn dan fil-Bank Centrali ta' Malta, sabiex wara li l-istess Bank jiflihom, jew jeqridhom jew isir xort'ohra minnhom

b'dak il-mod u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeciedi dwarhom kif previst fl-Artikolu 50(3)(4) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------